KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

# SEJĦA MIFTUĦA

## għall-Illustraturi u d-Disinjaturi Grafiċi

biex jattendu l-London Book Fair

MAĦRUĠA: JANNAR 2026

# 1 | Introduzzjoni

Il-Kunsill Malti għall-Arti qed jiftaħ sejħa għall-illustraturi u d-disinjaturi grafiċi biex jattendu l-London Book Fair li se tittella' bejn l-10 u t-12 ta' Marzu fl-Olympia, Londra, ir-Renju Unit.

Permezz ta' din l-inizjattiva, massimu ta' erba' parteċipanti jistgħu jirċievu sussidju li jkopri l-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni. Jingħataw ukoll pass ta' esebituri li permezz tiegħu jistgħu jattendu l-London Book Fair. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tipprovdi pjattaforma lill-artisti li jaħdmu fis-settur tal-pubblikazzjoni biex joħolqu konnessjonijiet u jieħdu sehem fis-suq tal-ktieb globali.

Il-KMA se jipprovdi sussidju għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni lil erba' parteċipanti minn Malta li jista' jitla' sa €1,200. Il-parteċipanti se jkollhom ukoll l-opportunità li jużaw l-istand tal-wirja tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) b'xejn. Se jingħataw ukoll passes bħala esebituri u mistiedna tal-London Book Fair, li l-ispejjeż tagħhom se jiġu kopruti mill-KNK. Ebda spiża oħra ma tista' tiġi ffinanzjata jew irrifondata.

Bħala parti mit-tħejjija għall-fiera, il-parteċipanti magħżula se jiltaqgħu ma' rappreżentanti tal-KNK u l-KMA.

Matul it-tlett ijiem tal-London Book Fair, permezz tal-passes tagħhom, il-parteċipanti magħżula jkunu jistgħu jattendu kwalunkwe attività mtellgħa, fosthom seminars, taħditiet, tnedijiet ta' kotba, diskussjonijiet u attivitajiet oħrajn ta' awturi. Aktar informazzjoni dwar dan tinsab f' din il-ħolqa: https://www.londonbookfair.co.uk/#/

Din l-inizjattiva hija parti mill-kollaborazzjoni strateġika kontinwa li għaddejja bejn il-KMA u l-KNK, u għandha l-għan li toħloq aktar opportunitajiet għall-illustraturi u d-disinjaturi grafiċi biex ikomplu l-impenn tagħhom fix-xogħol artistiku marbut mal-qasam tal-pubblikazzjoni, lokalment u lil hinn.

## 1.1 ID-DETTALJI TAL-PROĠETT

Il-KMA jixtieq jistieden lill-

Illustraturi u d-disinjaturi grafiċi biex japplikaw għas-sejħa miftuħa għalihom biex jieħdu sehem fil-London Book Fair f'dawn il-jiem speċifiċi:

It-Tlieta, l-10 ta' Marzu
l-Erbgħa, il-11 ta' Marzu
Il-Ħamis, it-12 ta' Marzu

Għal din is-sejħa ġew allokati erba' postjiet.

# L-ISKEDA TAŻ-ŻMIEN

| ID-DATA TA' SKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TAŻ-ŻMIEN |
|---|---|---|
| Il-5 ta' Frar 2026 | It-12 ta' Frar 2026 | Mill-10 sat-12 ta' Marzu 2026 |

## 1.2 L-ISTRATEĠIJA TAL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Il-Kunsill Malti għall-Arti (KMA) jippromwovi l-innovazzjoni fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi Maltin waqt li jissalvagwardja l-iżvilupp dinamiku tal-karatteristiċi kulturali tal-pajjiż. Bnejna ekonomija kreattiva sostenibbli għall-artisti u l-prattikanti, iffaċilitajna l-parteċipazzjoni, u qed inkomplu nieħdu l-irwol ta' mexxejja strateġiċi u katalisti fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi. Barra minn hekk, il-KMA jaħdem biex l-attivitajiet kulturali u kreattivi fi ħdan l-ekosistema kulturali ta' Malta jsiru aktar aċċessibbli.

Il-KMA fassal l-Istrateġija 2025 flimkien ma' dawk li l-aktar se jiġu affettwati minnha. It-tfassil tagħha li indirizzajnieh billi involvejna lill-artisti fil-proċess qed jitħaddem b'immedjatezza. Il-kultura hija l-ispazju li fih jiġu żviluppati narrattivi u mentalitajiet ġodda u fejn iseħħ iċ-ċaqliq fis-soċjetà. Punt importanti għalina huwa li l-Istrateġija twassal għal sostenibbiltà fit-tul taż-żmien. Il-mantra tagħna hija *Isma', Oħloq, Imraħ*, u din tiġbor fiha l-aħjar mod kif il-KMA se jippermetti u jiċċentra t-tkabbir sostenibbli u inklużiv tas-setturi kreattivi u kulturali ta' Malta bħala punti kruċjali għall-benesseri ta' kulħadd. Is-sostenibbiltà u l-inklużività qed jiġu inklużi b'mod ħolistiku u sħiħ fid-direzzjoni tal-politiki, il-finanzjament u l-investiment. Aktar informazzjoni dwar l-Istrateġija 2025 tinsab hawnhekk.

Fil-proċess tal-iżvilupp tal-proposta tagħhom, l-applikanti huma mitluba jqisu r-Riżorsi tad-Dritt għall-Kultura, speċjalment dwar il-mod li bih biħsiebhom jingaġġaw ruħhom mal-komunitajiet u kif xogħolhom jista' jindirizza l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta' kulħadd. Ir-riżorsi għandhom l-għan li jżidu l-kuxjenza dwar l-inklużjoni u jwieżnu l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika kwotidjana tagħna.

L-applikanti huma wkoll mistennija li jikkunsidraw il-Karta għall-Istatus tal-Artist biex il-proposta tagħhom tkun aktar xierqa, kif ukoll biex toħloq metodi aħjar u aktar sodi fl-attivitajiet operattivi u ta' programmazzjoni matul il-proċess tal-ħolqien tal-arti tagħhom. Dan huwa partikolarment importanti fil-kuntest usa' li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u diċenti li jħaddnu l-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent tal-ħiliet formali/informali/mhux formali, kundizzjonijiet soċjoekonomiċi diċenti, nuqqas ta' diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex

tipprovdi qafas dinamiku ta' referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f'Malta f'konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2 | Eliġibbiltà

- Miftuħa għall-illustraturi u d-disinjaturi grafiċi bbażati f'Malta.
- L-applikanti jridu jkunu attivi fil-qasam tal-pubblikazzjoni.
- L-applikanti magħżula jridu jkunu preżenti kuljum fil-London Book Fair mill-10 sat-12 ta' Marzu 2026.
- L-illustraturi u d-disinjaturi grafiċi li qed ifittxu opportunitajiet ta' żvilupp professjonali huma nkoraġġiti li japplikaw.

## a. REKWIŻITI GĦAS-SOTTOMISSJONI

- CV: Fiha huwa mitlub li jitniżżlu l-esperjenza u l-kwalifikazzjonijiet relevanti.
- Portafoll: Għażla ta' xogħlijiet preċedenti li juru l-ħiliet tiegħek ta' illustrazzjoni u disinn grafiku.
- Pjan li fih tniżżel kif biħsiebek tuża din l-opportunità.
- Stqarrija ta' motivazzjoni li turi l-interess tiegħek f'din l-opportunità.

## b. IL-PROĊESS TAL-GĦAŻLA

Is-sottomissjonijiet se jiġu evalwati skont il-kwalità artistika tagħhom u l-motivazzjoni tal-applikant. L-artisti magħżula se jkunu mgħarrfa sa mhux aktar tard mit-12 ta' Frar 2026.

## c. IL-KRITERJI TAL-EVALWAZZJONI

Is-sottomissjonijiet se jiġu evalwati skont dawn il-kriterji:

1. **L-istrateġija tal-applikant matul il-parteċipazzjoni fil-London Book Fair** (40 punt)

Dan il-kriterju jevalwa kemm l-applikant qed jippjana li jħaddem b'mod effettiv din l-opportunità.

2. **Il-ħtiġijiet professjonali u ta' taħriġ tal-applikant** (30 punt)

Dan il-kriterju jivvaluta kif din l-esperjenza se tissodisfa l-ħtiġijiet professjonali u ta' taħriġ tal-applikant.

3. **Il-Kwalità artistika u l-esperjenza professjonali** (30 punt)

Dan il-kriterju jqis il-portafoll, is-CV, l-esperjenza, l-edukazzjoni u l-proġetti maħluqa relevanti.

# 3 | Tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Ara intix eliġibbli biex tapplika.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq "Irreġistra" u timla d-dettalji mitluba. L-applikanti huma mitluba jirreġistraw profil fuq is-sistema CRM tal-KMA għall-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta' skadenza ta' din is-sejħa.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni tas-Sejħa għall-Artisti.
6. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online u ehmeż id-dokumentazzjoni li ssostniha.
7. Issottometti l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

Jekk issib xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

L-applikazzjonijiet li jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza ma jiġux aċċettati.

# 4 | Twettiq tal-proġett

Wara l-għażla tal-artisti, il-KMA jidħol fi ftehim li jelenka l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u l-ammont li se jiġi żborżjat.

Huwa meħtieġ li jinkiteb rapport dwar l-esperjenza ta' din l-opportunità flimkien ma' xi suġġerimenti. Dan għandu jinqasam mal-KMA sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2026. L-ammont kollu dovut lill-artisti jingħata wara li dan ir-rapport finali jiġi approvat.

## Teħtieġ parir?

Il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizz ta' konsultazzjoni qabel it-tressiq tal-applikazzjoni biex jgħinek tikseb għajnuna għall-proġett tiegħek. Aħna qegħdin hawn għalik tul kull pass li tagħmel. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex allinjati mal-mekkaniżmu tal-għajnuna fil-mira, u nagħtuk rispons fuq il-mod li qed tippjana biex tippreżenta l-proġett tiegħek. Aħseb bil-quddiem u ejja kellimna għall-inqas erba' ġimgħat qabel id-data ta' skadenza, biex tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista' wkoll iċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00, jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Il-linji gwida ġew aġġornati fl-20 **ta' Jannar 2026.**